# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) tat-18 ta' Novembru 2015 –**

**Liu vs UASI – DSN Marketing (Basktijiet għal kompjuters li jistgħu jinġarru)**

**(Kawża T-813/14)**

"Disinn Komunitarju — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Disinn Komunitarju rreġistrat li jirrappreżenta basktijiet għal kompjuters li jistgħu jinġarru — Disinni preċedenti identiċi — Raġuni għal invalidità — Assenza ta' novità fis-sens tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 6/2002 — Żvelar tad-disinni preċedenti qabel id-data ta' prijorità — Artikolu 7(1) u (2) tar-Regolament Nru 6/2002"

1. *Disinni Komunitarji — Dispożizzjonijiet proċedurali — Motivazzjoni tad-deċiżjonijiet — L-ewwel sentenza tal-Artikolu 62 tar-Regolament Nru 6/2002 — Portata identika għal dik tal-Artikolu 296 TFUE — Użu ta' motivazzjoni impliċita mill-Bord tal-Appell — Ammissibbiltà — Kundizzjonijiet (Artikolu 296 TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 6/2002, Artikolu 62) (ara l-punt 15)*

2. *Disinni Komunitarji — Raġunijiet għal invalidità — Assenza ta' karattru individwali — Żvelar mill-kreatur jew mill-aventi kawża tiegħu (Regolament tal-Kunsill Nru 6/2002, Artikolu 7(2)) (ara l-punti 21-23)*

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-UASI tas-7 ta' Ottubru 2014 (Każ R 1864/2013-3), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn DSN Marketing Ltd u Min Liu.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Min Liu huwa kkundannat għall-ispejjeż.